



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2017/2166(DEC)**

2.3.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2016  
(2017/2166(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Isabelle Thomas

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja l-importanza tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") fl-armonizzazzjoni u fl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd (PKS); jilqa' favorevolment l-effikaċja tagħha, l-avvanz tagħha u r-riżultati eċċellenti li kisbet minn mindu twaqqfet;
2. Jevidenzja l-kontribut li tagħti l-Aġenzija lill-armonizzazzjoni u lill-istandardizzazzjoni tal-miżuri tal-PKS marbuta mal-monitoraġġ, mal-kontroll u mas-sorveljanza maħsuba biex jiżguraw it-trattament indaqs u jtejbu r-rispett tar-regoli, inkluż l-obbligu ta' ħatt l-art;
3. Ifakkar fir-rwol tal-Aġenzija fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, inklużi l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, sabiex tissaħħaħ il-konformità mal-miżuri, b'mod speċjali dawk li jiġġieldu kontra s-sajd IUU, adottati minn dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
4. Jieħu nota tar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2016, kif ukoll ir-rapport annwali tal-attività tal-2016 tal-Aġenzija;
5. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għaż-żieda ta' 15 % fl-ispezzjonijiet fl-2016, fatt li jixhed titjib fil-koordinament tar-riżorsi umani mal-Istati Membri permezz tal-Pjanijiet tal-Eżerċizzju Konġunt u tal-koordinament tal-pjanijiet operattivi;
6. Ifakkar li l-baġit tal-Aġenzija baqa' invarjat matul dawn l-aħħar ħames snin finanzjarji minkejja ż-żieda fil-missjonijiet u fl-ispezzjonijiet tagħha, li l-ispejjeż għar-riżorsi umani, mill-banda l-oħra, ma evolwewx, li l-kost tal-operazzjonijiet naqas fuq l-istess perjodu; jišhaq fuq il-fatt li dawn l-elementi, li jissarrfu fl-ottimizzazzjoni tar-riżorsi u fil-kwalità tal-ġestjoni tal-Aġenzija, jissograw li jxekklu l-avvanz tagħha minħabba approprjazzjonijiet baġitarji insuffiċjenti, u jikkostitwixxu pressjoni fuq l-attività tal-aġenti li jeħtieġ li tkun suġġetta għal awditjar biex tkun żgurata l-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom;
7. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet marbuta mal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2016 u għall-valutazzjoni min-naħa tal-Qorti, fir-Rapport Speċjali Nru 08/2017 tagħha, tar-rwol fundamentali tal-Aġenzija fl-iżvilupp u fit-titjib ta' approċċ armonizzat u konsistenti tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambji tad-data dwar il-prodotti tas-sajd;
8. Jissottolinja r-rata ta' implimentazzjoni baġitarja eċċellenti tal-approprjazzjonijiet C1 ta' impenn (99,6 %), li żdiedet meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti, u tal-approprjazzjonijiet C1 ta' pagamenti (88,5 %), stabbli meta mqabbla mas-snin finanzjarji preċedenti; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura l-użu ottimali tal-approprjazzjonijiet allokatu;
9. Jirrikonoxxi l-kwalità u r-rilevanza tal-kollaborazzjoni li saret mill-Aġenzija fil-qafas tal-proġett pilota komuni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u ma' Frontex fir-

rigward tal-ħolqien ta' funzjoni ta' gwardji tal-kosta; iżda jfakkar lill-Kummissjoni li jeħtieġ li l-Aġenzija tkun mgħammra b'biżżejjed mezzi għal dan it-tip ta' proġetti jew kull proġett ieħor fil-ġejjieni, speċjalment dawk marbuta mal-użu ta' teknoloġiji ġodda fil-kontrolli (droni) jew fit-taħriġ (e-learning);

10. Ifakkar fl-importanza li jissaħħaħ il-mandat tal-Aġenzija sabiex jiġu żviluppati azzjonijiet operattivi konġunti ma' aġenziji tal-Unjoni oħra speċjalizzati fis-settur marittimu, bil-għan li jiġu evitati d-diżastri fuq il-baħar u jiġu kkoordinati l-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta Ewropej;
11. Jirrimarka li jkun tajjeb li l-Aġenzija tingħata biżżejjed riżorsi biex twettaq tipi ġodda ta' operazzjonijiet ħalli twaqqaf ir-rotot użati mill-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin u tuża d-data fornuta mis-sistemi tar-rappurtaġġ tal-bastimenti bil-għan li jiġu lokalizzati d-dgħajjes li jgħorru l-migranti;
12. Jisħaq fuq il-bżonn ta' żieda fl-allokazzjoni ta' riżorsi biex tissaħħaħ il-kapaċità operattiva tal-Aġenzija quddiem l-inċertezzi marbuta mal-Brexit u mal-kontrolli supplementari li jirriżultaw minnu;
13. Ifakkar li l-kompożizzjoni tal-persunal tal-Aġenzija ma turix parità bejn l-irġiel u n-nisa u jistidinha tikkunsidra tqassim ġust tal-funzjonijiet;
14. Jipproponi li jiddaħħal Membru tal-Parlament Ewropew fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija bil-għan li tissaħħaħ it-trasparenza istituzzjonali tagħha, partikolarment fl-okkażjoni tal-approvazzjoni tal-baġit minn dan il-Bord; jipproponi, f'dan ir-rigward, li l-Membru jkun elett mill-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew;
15. Jipproponi, fid-dawl tad-data disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.2.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 14 -: 5 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Eugenia Aguilera García, Alain Cadec, David Coburn, Linnéa Engström, João Ferreira, Sylvie Goddyn, Mike Hookem, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Liadh Ní Riada, Ulrike Rodust, Annie Schreijer-Pierik, Remo Sernagiotto, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Norbert Erdős, Maria Lidia Senra Rodríguez
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Liliana Rodrigues

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI**

14	+
ALDE	António Marinho e Pinto, Norica Nicolai
PPE	Alain Cadec, Norbert Erdős, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, Gabriel Mato, Annie Schreijer-Pierik, Jarosław Wałęsa
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Liliana Rodrigues, Ulrike Rodust, Isabelle Thomas
VERTS/ALE	Linnéa Engström

5	-
EFDD	David Coburn, Mike Hookem
ENF	Sylvie Goddyn
GUE/NGL	João Ferreira, Liadh Ní Riada

3	0
ECR	Peter van Dalen, Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni